**16 ta' Settembru, 1994**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

Paul Mizzi

*versus*

Avukat Ġenerali u b'digriet tat-23 ta' Ġunju, 1993, ġie msejjaħ fil-kawża l-Onorevoli Prim Ministru

**Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Smigħ Xieraq – Xhud – Produzzjoni ta' – Appell f' – Divjet ta'**

*Fi proċeduri ta' appell kriminali l-akkużat talab il-produzzjoni ta' xhud. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ċaħditlu din it-talba. Ir-rikorrent issa allega li din iċ-ċaħda, ibbażata fuq l-art. 424 tal-Kap. 9, kienet tammonta għan-negozzazzjoni tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ċaħdet it-talba tar-rikorrent. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat.*

*Il-Qorti rriteniet li d-difiża kienet ingħatat kull opportunità quddiem il-Qrati tal-Maġistrati biex tipproduċi x-xiehda tagħha. Il-fatt li dak ma għamlitux ma jwassalx għall-ksur tal-prinċipju dwar is-smigħ xieraq meta ma ġiex lilu permess tipproduċi x-xhud fl-appell. L-artikolu 424 tal-Kap. 9 ma jivvjolax il-prinċipju tas-smigħ xieraq.*

Il-Qorti: –

1. Paul Mizzi fid-**9 ta' Settembru, 1992** gie misjub hati

mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li kellu fil-pussess tieghu diversi oġġetti li l-importazzjoni tagħhom kienet ipprojbita u li fuqhom ma ħallasx id-dazju impost mil-ligi, u minn din is-sentenza appella quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali – Sede Inferjuri;

2. Quddiem din l-aħħar Qorti huwa talba li jinstema' bħala xhud l – avukat dottor Noel Arrigo – illum Imhallef – liema talba dik l-Onorabbli Qorti fil-5 ta' Marzu, 1993, ċaħditlu billi wara li semmiet dak li kien issuċċieda quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad, kompliet hekk:

"F'dawn iċ-ċirkustanzi din il-Qorti hija tal-ferma konvinzjoni illi ma tistax takkolji t-talba ta' l-appellant biex issa jipproduċi, f'dan l-istadju, lix-xhud indikat, peress li ma jikkonkorrux ir-rekwiżiti li hemm indikati fl-artikolu 424 (Kap. 9). Infatti la ġie ppruvat bil-ġurament jew b'mezz ieħor li l-appellant ma kienx jaf bix-xhud jew li ma setax bil-mezzi li tagħtih il-liġi jġibhom quddiem il-Qorti Inferjuri u lanqas ma jirriżulta li ghalkemm din il-prova ġiet offerta quddiem il-Qorti Inferjuri, dik l-istess Qorti, bla ma kien imissha, ċahdet din il-prova. Fil-fehma ta' din il-Qorti ċ-ċirkustanzi huma tali illi l-appellant kellu kull opportunità jipproduċi x-xhud imsemmi u effettivament anke jirriżulta mill-verbali li l-istess xhud deher il-Qorti u jekk ma nstemax, ċertament dan ma kienx tort ta' l-ewwel Qorti li stenniet u tat il-possibbiltà kollha. Jiġi osservat ukoll illi avolja kien hemm aktar minn tliet xhur mid-data ta' l-aħħar differment qabel is-sentenza, ma sar ebda tentattiv mill-appellant biex iwaqqaf lill-ewwel Qorti milli tgħaddi ghall-prolazzjoni tas-sentenza u jerġa' jitlob mill-ġdid li jkollu l-opportunità li jipproduċi x-xhud imsemmi, u dan ma jistax ma jitteħidx in konsiderazzjoni";

3. Fil-11 ta' Mejju, 1993, l-istess appellant Paul Mizzi, ippreżenta l-proċedura preżenti b'rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, u fih jafferma illi l-artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9), imsemmi, m'huwiex konformi ma' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Umani u li bid-digriet tagħha msemmi tal-5 ta' Marzu, 1993, ta' Appell Kriminali - Sede Inferjuri - "manifestament" ivvjolat id-drittijiet fundamentali ggarantiti lir-rikorrent mill-artikolu 6(1) u(3) (d) tal-Konvenzjoni, u talab lill-Qorti Ċivili li tagħtih ir-rimedji neċessarji għal din il-vjolazzjoni, "prevja, jekk hemm bżonn id-dikjarazzjoni li l-art. 424 tal-Kodiċi Kriminali jivvjola l-Konvenzjoni" u sabiex tordna li x-xhud dottor Noel Arrigo għandu jinstema' mill- Qorti ta' l-Apell Kriminali;

4. L-intimat Avukat Ġenerali l-ewwel, u sussegwentement anki l-Onorevoli Prim Ministru, irispondew billi (a) elenkaw l-andament tal-proċess fil-Qorti Maġistrati biex jillustraw illi n-non-kuranza, l-assenzi u n-negliġenza perduta tar-rikorrenti kienu l-kawża li x-xhud ma nstemax mill-ewwel Qorti; (b) illi l-artikolu impunjat huwa kompletament konformi mal-garanziji tal-konvenzjoni, u (ċ) għalhekk, it-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu ddikjarati frivoli u vessatorji;

5. L-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-**16 ta' Marzu, 1994**, ċaħdet it-talbiet tar-rikorrent, u dan wara li eżaminat żewġ sentenzi tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani – dawk ta' Ekbatani kontra l-Isvezja tas-26 ta' Mejju, 1988 *(Series A – Vol. 134)* u ta' Delta kontra Franza tad-19 ta' Diċembru, 1990 *(Series A Vol. 191)* u enfasizzat iċ-ċirkostanzi preċiżi tal-każ tar-rikorrenti fil-proċediment quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ripetuti fid-digriet tal-Qorti ta' Appell Kriminali – paragrafu 2 *supra;*

6. Ir-rikorrent appella għaliex dik is-sentenza interpretat ħażin il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja li stabbiliet;

"Illi l-garanziji mogħtija bl-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja m'humiex limitati biss għall-istadju tal-prim'istanza imma l-istess granziji huma stabbiliti anki fi grad ta' appell";

Ir-rikors imbagħad jikkummenta brevement fuq ċerti aspetti ta' fatt, li se jiġu kkunsidrati fil-paragrafi ddedikati għaldaqshekk;

7. Għal dak li huma l-fatti tal-proċediment, m'hemmx kuntrast bejn il-partijiet u għalhekk se tiġi riportata l-verżjoni ppronunzjata fis-sentenza appellata:

"Illi dawn il-proċeduri bdew fis-sitta (6) ta' Marzu, 1983, jiġifieri aktar minn għaxar snin ilu, u wara aktar minn erba' snin u nofs ta' differimenti u ta' seduti li fihom instemgħu x-xhieda li ressqet il-prosekuzzjoni, fis-seduta tas-sitta u għoxrin (26) ta' April, 1988, il-prosekuzzjoni ddikjarti li ma kellhiex aktar provi xi ġġib u l-kawża ġiet iddifferita għat-trattazzjoni jew provi ta' l-imputat għas-seduta tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Ġunju, 1988;

Illi mill-ġdid fis-seduta ta' l-għoxrin (20) ta' Ġunju, 1989, il-Qorti ddifferita il-kawża għall-finali trattazzjoni u l-provi kollha tad-difiża, għad-disgħa (9) ta' Ottubru; f'din l-udjenza r-rikorrent ma kienx assistit u l-Qorti staqsietu jekk kienx ser jixhed u jekk kellux provi xi jtella' u l-imputat wieġeb li ma kienx ser jixhed u li anqas kellu xhieda xi jtella' u għalhekk il-Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza għall-wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru, 1989, iżda f'din is-seduta d-difensur ta' l-imputat deher u talab is-suspensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza biex ikun jista' jagħmel

it-trattazzjoni dwar il-każ; wara li l-kawża ġiet posposta, l-istess difensur talab li jitħarrku x-xhieda skond ma kien jidher fil-fol. 45 tal-proċess. Dan il-verbal riprodott a fol. 86 tar-Rikors odjern jgħid "Dott. Brincat qiegħed jindika li jrid in kontro-eżami l-aġenti jew rappreżentanti tagħhom u l-Kontrollur tad-Dwana" u l-Qorti allura ħalliet il-kawża għall-provi kollha ta' l-imputat skond l-istess verabli; illi sa sentejn sħaħ wara kull ma kien sar kien xehed in kontro-eżami Alfred Falzon Sant Manduca, iżda x-xhud Dott. Noel Arrigo ma kienx għadu nstema' u infatti fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Novembru, 1991, il-Qorti ordnat il-ħruġ ta' mandat ta' arrest kontra l-imsemmi xhud biex ikun jista' jixhed fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Frar, ta' l-1992, iżda għal din is-seduta l-imputat anqas biss deher u fil-fatt ġie kkundannat ħmistax-il lira ammenda u saret ordni biex jinħareġ mandat kontra tiegħu biex jidher fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Mejju, 1992. Illi skond il-verbal ta' din l-udjenza x-xhud "informa lill-Qorti li huwa qed jiġi mħarrek bħala xhud f'din il-kawża; qed jitla' kull darba u immankabbilment kull darba li jitla' qatt ma jissejjaħ biex jiddeponi. Hu qed jiġi mħarrek mid-difiża u dan ilu mill-1989; li għalkemm kien hemm l-imputat u anke l-imsemmi xhud, dan ma nstemax in kontro-eżami peress illi d-difensur tar-rikorrenti odjern ma kienx preżenti u *in vista* ta' dan, il-Qorti ddiferiet il-kawża għas-sentenza għad-disgħa (9) ta' Settembru, 1992, f'liema data ngħatat is-sentenza relattiva";

8. L-appellant fuq dawn il-fatti jikkummenta hekk:-

"Ikun inutili li l-esponent joqgħod jilmenta fuq kif isiru l-kawżi sommarji isfel. Ikun inutili wkoll illum illi wieħed jgħid kemm-il darba deher Dr. Noel Arrigo li anki waqt din il-kawża stess xehed u ċertament kien hemm diversi drabi meta huwa stess ma deherx";

9. Fuq l-ewwel parti ta' dan il-kumment din il-Qorti ma taqbel xejn li jkun inutili li jsir lament fuq "kif isiru l-kawżi sommarji isfel" jiġifieri fil-Qorti tal-Maġistrati. Anzi huwa utilissimu li dan isir u qed isir f'din is-sentenza. Tant huwa hekk li din il-Qorti taħseb illi verament forsi l-indulġenza żejda, anti-ġuridika ta' dik il-Qorti, fil-konfront ta' l-imputati/akkużati, qed ikollha effett verament deprekabbli kif jidher manifest minn dan il-każ "sommarju" li beda bl-arrest tar-rikorrent fis-**6 ta' Diċembru, 1983** u sal-lum - **ħdax-il sena nieqsa** - wara, - għadu pendenti. U m'hemm l-ebda dubju li dan huwa dovut għall-ommissjonijiet jew kommissjonijiet l-ewwelnett tal-prosekzzjoni *tal-Qorti tal-Maġistrati* - ***kompjaċenti għall-eċċess***, u għan-nuqqasijiet tar-rikorrent;

10. Difatti - mogħtija l-libertà provviżorja fis-**6 ta' Diċembru, 1983** - mill-inkartament jirriżulta li minn dik id-data - il-prosekuzzjoni rnexxilha tispiċċa l-provi tagħha fis-**26 ta' April, 1988** - jiġifieri f'medda ta' **erba' snin u erba' xhur** - f'sitt seduti **imxerrdin hekk**:

28 ta' Mejju, 1984;

9 ta' Marzu, 1985;

31 ta' Jannar, 1987;

3 ta' Diċembru, 1987;

29 ta' Frar, 1988;

26 ta' April, 1988;

11. Fis-26 ta' April, 1988, magħluqa l-provi tal-prosekuzzjoni, il-kawża ġiet iddifferita għall-21 ta' Ġunju, 1988 ''għat-trattazzjoni jew provi ta' l-imputat'';

F'din it-tieni fażi tal-proċediment ta' l-ewwel grad il-fażi tad-difiża – ġara dan:

''Dr. Joseph Brinncat għall-imputat talab żmien biex jieħu konjizzjoni ta' l-atti biex jikkunsidra l-posizzjoni ta' l-imputat;

Il-Qorti tilqa' t-talba u tiddifferixxi l-kawża għall-aħħar darba għall-provi ta' l-imputat jew trattazzjoni, għas-6 ta' Settembru, 1988'';

L-imputat jitlob li jiġu esebiti eżemplari tal-fliexken li ġew elevati mill-pussess ta' l-imputat, biex fuqhom isiru d-domandi lill-importaturi tal-merkanzija misjuba għand l-imputat;

Il-Qorti tordna biex dan isir fis-seduta tat-22 ta' Novembru, 1988;

L-imputat jindika *(sic)* li jrid il-kontro-eżami ta' l-importaturi u tal-Kontrollur tad-Dwana;

Il-kawża differita għall-14 ta' Frar, 1989;

''Peress li l-mertu ta' din il-kawża jimpinġi *(sic)* fuq kawża oħra fl-ismijiet ''Il-Pulizija *vs* Carmelo Mazzitelli'' differita għas-sentenza għall-11 ta' April, il-qorti tiddifferixxi l-kawża għall-istess data biex wara jittieħdu l-provvedimenti opportuni'';

L-imputat jitlob differiment peress li l-avukat tiegħu

impenjat ġuri;

L-imputat jitlob differiment peress li l-avukat tiegħu imsiefer;

L-avukat ta' l-imputat jagħmel riferenza għas-sentenza ta' Carmelo Mazzitelli u l-Qorti tiddifferixxi l-kawża għall-finali trattazzjoni u l-provi kollha tad-difiża;

L-avukat ta' l-imputat ma jidhirx għas-seduta;

"Mistoqsi mill-Qorti huwiex se jixhed u għandux xhieda x'itella', l-imputat wieġeb li ma kienx se jixhed **u lanqas kellu xhieda x'itella'**";

L-ewwel ġie verablizzat illi:

"Dr. Joseph Brincat talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza biex ikun jista' jagħmel it-trattazzjoni ta' dan il-każ;

Il-Qorti tilqa' t-talba u tawtorizzah jagħmel it-trattazzjoni";

u l-kawża għalhekk ġiet posposta, però, imbagħad ġie rreġistrat illi:

"Dr. Joseph Brincat jitlob li jitħarrku x-xhieda skond fol. 45 tal-proċess';

U l-Qorti – skond dik il-kompjażenza, li fuqha kkummenta l-appellant "kif isiru l-kawżi sommarji isfel";

"...tilqa' t-talba u tiddifferixxi l-kawża għall-provi kollha

ta' l-imputat skond il-verbal a fol. 45 għas-27 ta' Frar, 1990'';

Jixhed, għad-difiża Alfred Falzon Sant Manduca u mbagħad il-kawża ġiet differita għall-5 ta' Ġuinju ''għal produzzjoni tax-xhud Dr. Noel Arrigo'';

''Meta ssejħet il-kawża deher l-uffiċjal prosekutur u l-imputat;

Il-kawża ddifferita għall-aħħar darba għall-(sic) verbal preċedenti;

Id-data tad-differiment ma tirriżultax;

''Dr. Brincat għalkemm imsejjaħ diversi drabi ma deherx;

Il-kawża differita għall-fini tal-verbal preċedenti;

Differita għat-8 ta' Jannar, 1991'';

''Fuq qbil tal-partijiet, il-kawża differita għat-23 ta' April, 1991'';

L-imputat jinforma lill-qorti li l-avukat tiegħu jinsab imsiefer, u f'din id-data, fuq din l-aħbar, il-Qorti tasal għal din l-impennata fuq l-esiġenzi tal-ġustizzja:

''Il-Qorti tinnota li l-kawża ilha għat-trattazzjoni finali mid-9 ta' Ottubru, 1989, liema trattazzjoni ma saritx peress illi l-avukat difensur naqas li jattendi l-Qorti biex jespleta l-obbligi tiegħu lejn l-imputat u lejn l-istess Qorti'';

Tiddiferixxi l-kawża għall-aħħar darba għat-trattazzjoni

finali għat-23 ta' Lulju, 1991";

"Fuq **talba tad-difiża**, mhux opposta, il-kawża differita għad-19 ta' Novembru, 1991";

Għal din is-seduta, ġie mħarrek mid-difiża, Dr. Noel Arrigo, li però meta ġie msejjaħ ma deherx. Il-Qorti tordna kontra tiegħu:

"li jiġi prodott bl-arrest *stante* li n-notifika ppreżentata llum hija waħda pożittiva u konsegwentement, l-assenza tiegħu tammonta għal disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti";

L-imputat ma jidhirx għas-seduta, u l-Qorti tikkundannah Lm15 ammenda u "tordna l-ħruġ ta' mandat għas-seduta li jmiss";

"Dr. J. Brincat imsejjaħ diversi drabi ma deherx;

**Deher Dr. N. Arrigo li nforma lill-Qorti li huwa qed jiġi mħarrek bħala xhud f'din il-kawża. Qed jitla' kull darba u mmankabbilment kull darba li jitla' qatt ma jissejjaħ biex jiddeponi. Hu qed jiġi mħarrek mid-difiża u dan ilu mill-1989**";

*In vista* ta' dan il-Qorti tiddiferixxi l-kawża għas-sentenza għad-9 ta' Settembru, 1992";

u finalment:

"Meta ssejħet il-kawża deher l-imputat u l-uffiċjal prosekutur;

Dr. J. Brincat imsejjaħ diversi drabi ma deherx;

**Inqrat is-sentenza**";

12. Din il-Qorti Kostituzzjonali obbligata li tħares, – tassigura, timplimenta u tesegwixxi l-valuri ġuridiċi pplasmati fil-Kostituzzjoni, u issa fil-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet Umani, imma fuq kollox u fuq dawn kollha, il-valuri ta' dik il-ġustizzja li r-raġuni prattika u n-natura tal-bniedem, jiddettaw, imħassrin minn quddiem għajnejha l-persuni fiżiċi kollha li kienu d-"*dramatis personae*" ta' din il-kronaka ġudizzjarja – ma tistax ma tiddikjarax din il-kwalità ta' proċediment ġudizzjarju – jinnega, biex ma tgħidx ixejjen – il-prinċipji prinċipali tal-ġustizzja proċedurali tal-proċess penali;

13. Il-fatt konkret li minnu qed jillamenta l-appellant għalhekk, jibda minn dak li ġara fil-fażi ta' proċediment ta' l-ewwel grad – iddedikat għad-difiża ta' l-imputat/appellant;

L-imputat kellu – **inkreddibbilment, tmintax (18)-il seduta mifruxa fuq erba' snin u ħames xhur** biex meta jrid u meta jogħġbu jipproduċi u jisma' lix-xhud, l-avukat Dottor Noel Arrigo, li baqa' ma semgħux sakemm il-Qorti tal-Maġistrati ppronunzjat – finalment – is-sentenza fil-kawża;

14. Issa, fl-istadju ta' appell minn dik is-sentenza, irrispettivament **minn dak kollu li ġara fl-ewwel grad**, l-imputat/appellant jidhirlu li għandu dritt fundamentali li xorta waħda jerġa' **jipproduċi** – imma, presumibilment, din id-darba, **jisma'** lix-xhud imsemmi, tant illi id-divjet li jsemmi l-artikolu 424 Kap. 9 għandu jiġi kkonsiderat li huwa ostakolu li mhux konformi ma' dak id-dritt fundamentali, u għalhekk

m'għandux japplika;

15. L-artikolu 424 Kap. 9 jiddisponi testwalment:

''Quddiem il-Qorti superjuri ma jistgħux jinġiebu xhieda ġodda, ħlief:

(a) jekk liġi ppruvat bil-ġurament jew b'mezzi oħra li l-parti li toffri x-xhieda ġodda ma kinitx taf bihom, jew ma setgħetx, bil-mezzi li tagħti l-liġi, iġġibhom quddiem il-Qorti Inferjuri;

(b) jekk il-prova tkun ġiet offerta quddiem il-Qorti Inferjuri, u din il-Qorti, bla ma kien imissha, ċaħdet din il-prova'';

16. Issa l-lament kollu ta' l-appellant huwa li **dan l-artikolu ma jagħtihx fi grad ta' appell l-istess garanziji** li kellu fil-prim'istanza, mentri l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani stabbiliet illi l-garanziji ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni **japplikaw f'kull stadju tal-proċess** – u li dan huwa dak li s-sentenza appellata naqset li tapprezza;

17. Din il-Qorti proprju ssib diffikultà biex tgħaddi biex tesprimi ruħha fuq kwistjoni hekk ovvja. Jiġifieri l-ewwel; seta' qatt ġie ddubitat illi l-garanzija tad-drittijiet proċedurali penali, imsemmija fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jestendu, ikopru u japplikaw għal kull stadju tal-poroċess? Qatt kien hemm xi dubju raġonevoli li dak li se jiġi hawn taħt riprodott f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Konvenzjoni, jispiċċa, jieqaf jew huwa llimitat għall-ewwel stadju tal-proċess penali – u ċjoè:

*(a) "a fair and public hearing;*

*(b) within a reasonable time;*

*(c) by an independent and impartial tribunal established by law;*

*(d) Judgement shall be public but the press, and public, may be excluded from all or part of the trial in the interests of morals, public order or national security in a democratic society etc.;.*

*(e) everyone charged with a criminal offence shall be presumed innocent until found guilty according to the law;*

*(f) everyone charged with a criminal offence, (shall) be informed promptly, in a language which he understands, and in detail, of the nature and cause of the accusation;*

*(g) (be given) adequate time and facilities for the preparation of his defence;*

*(h) (has the right) to defend himself in person or through legal assistance of his own choosing or free legal assistance when he has not sufficient means;*

***(i) (the right) to examine or have examined witnesses against him and to obtain the attendance and examination of witnesses on his behalf under the same conditions as witnesses against him;***

*(j) to have the free assistance of an interpreter if he cannot*

*understand or speak the language used in court";*

Huwa magħruf minn kull min huwa midħla tas-sistema ġuridika Maltija, li dawn il-garanziji kollha sostanzjalment ilhom parti mill-patrimonju nazzjonali għal dawn l-aħħar mija u ħamsin sena;

18. Il-garanzija msemmija taħt (i) tinforza l-prinċipju magħruf bħala ***"equality of arms"***, biex tassikura li fil-proċessi kriminali d-drittijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża fil-produzzjoni u s-smigħ tal-provi, ikunu **ugwali**;

Huwa evidenti li l-artikolu 424 impunjat, jorbot liż-żewġ naħat – prosekuzzjoni u difiża – ugwalment, u li jinnega lil waħda jinnegaha lill-oħra, u li jikkonċedi lil waħda jikkunċediha lill-oħra;

Però dan m'huwiex dak kollu li hemmx xi tgħid fuq il-pretiża ta' vjolazzjoni ta' l-appellant għaliex huwa jmur oltre. Jippretendi, li fl-istadju ta' l-appell huwa għandu d-dritt li jipproduċi u jisma' provi anki jekk dawn seta' jipproduċihom u jismagħhom fl-ewwel istanza, imma ma pproduċihomx jew ma semmagħhomx u dan għaliex il-garanziji fundamentali ta' l-artikolu 6 japplikaw fl-istadji kollha irrispettivament minn dak li jkun ġara fl-ewwel grad. In sostenn ta' din it-teżi huwa invoka żewġ sentenzi tal-Qorti Ewropeja – Ekbatani kontra l-Isvezja tas-26 ta' Mejju, 1988, *(Series A Vol. 134)* u Delta kontra Franza tad-19 ta' Diċembru, 1990 *(Series A Vol. 191);*

Is-sentenza appellata eżaminathom it-tnejn u, fil-fehma ta' din il-Qorti, korrettement qalet li ma jsolvux il-każ favur l-appellant;

19. U tabilħaqq, fil-każ ta' Ekbatani, il-Qorti Ewropeja sabet li kien hemm vjolazzjoni ta' dritt ta' trattazzjoni xierqa, mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali Svediża, meta din, li kellha ġurisdizzjoni li tiddeċidi kemm fuq il-fatti kif ukoll fuq il-liġi, bħall-Qorti Tagħna, **iddeċidiet l-appell mingħajr ma ttrattat l-istess**. Il-konklużjoni għalhekk kienet illi:

*"Having regard to the entirity of the proceedings before the Swedish Courts, to the role of the Court of Appeal, and to the nature of the issue submitted to it, the Court reaches the conclusion there were no special features to justify a* ***denial of a public hearing and of the applicant's right ot be heard in person****" (ibid.* paġ. 14 para. 33);

Din il-konklużjoni hija biżżejjed biex turi li b'ebda mod m'hemm xebh ġuridiku bejn il-każ preżenti u l-każ ta' Ekbatani;

L-istess jingħad għas-sentenza fil-każ ta' Delta. Il-Qorti Ewropeja hemmhekk ikkonkludiet hekk:

*"Accordingly, neither the applicant nor his counsel ever had* ***an adequate opportunity*** *to examine witnesses which had been taken in their absence and later reported by a policemen who had not witnessed the attack in the undergound, was* ***taken into account by the courts responsible for trying the facts*** *– decisively at first instance and in appeal,* ***as the file contained no other evidence.*** *They were therefore unable to test the witnesses' reliability or cast doubt on their credibility;*

*In sum, the rights of the defence were subject to such restriction that Mr. Delta did not receive a fair trial" (ibid* paġ. 16 para. 37);

Id-distanza bejn il-każ ta' l-appellant u dan ta' Delta, ġuridikament, hija tant kbira, li l-Qorti ma tistax raġġonevolment tiġi mitluba biex tqisha. Ċertament l-appellant m'huwiex daqshekk temerarju li jippretendi li huwa u l-avukat tiegħu:

*"ever had an adequate opportunity to examine* (u din il-Qorti żżid – *to produce) witnesses"*, wara li wieħed jaqra l-paragrafu 11 *supra;*

20. In sintesi, għalhekk għandu jingħad illi, l-art. 424 Kap. 9 mhux biss ma jikkontrastax mal-garanziji tal-Konvenzjoni, b'mod formali, imma aktar minn hekk, fil-każ konkret, anki kieku din il-Qorti ma kinitx issib vjolazzjoni taħt dan il-kap (fil-para. 17 *supra* l-ittra 1), jekk, **ikkonsiderat fl-assjem il-proċediment**, kif titlob il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja, jinstab li dan kien nieqes minn xi osservanza proċedurali vitali, ggarantita għall-iskopijiet tal-ġustizzja penali, xorta waħda din il-Qorti Kostituzzjonali kienet tintervjeni. Imma fil-każ li għandha quddiemha – kif diġà ntqal – għall-kuntrarju, il-proċedura tal-Qorti tal-Maġistrati kienet tant indulġenti biex takkomoda – mhux id-**drittijiet** imma l-**konvenjenzi** eċċessivi tad-difiża – illi verament kellu raġun l-intimat oriġinali li jobbjetta li r-rikors ta' l-appellant kien frivolu u vessatorju. L-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – dan l-aspett ma kkunsidratux u din il-qorti, in omaġġ għas-sentenza ta' dik il-qorti, billi fuq daqshekk l-intimati llamentaw biss mingħajr ma appellaw – se tħalli l-kwistjoni fejn tħalliet;

21. Għaldaqstant, din il-Qorti qiegħda tikkonferma s-sentenza appellata u tiċħad l-appell tar-rikorrent u ssib li huwa ma sofra ebda vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu ggarantiti bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni meta l-Onorabbli Qorti

ta' l-Appell Kriminali applikat fil-konfront tiegħu fuq il-fatti u ċirkostanzi konkreti li kellha quddimeha l-artikolu 424 Kap. 9;

Spejjeż taż-żewġ istanzi għar-rikorrent;